# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 71**

**nhar it-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 71 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:22pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
71.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
71.4 Korrispondenza
71.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
71.6 Rapporti;
71.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
71.9 Mozzjonijiet;
71.10 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin
71.11 Għażla u approvazzjoni tal-kummitati ta’ evalwazzjoni għas-sejħiet tal-offerti
71.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

**71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

71.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra ta’ apoloġija mingħand il-Kunsillier Elia Borg li informa li, minħabba raġunijiet personali, ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta it-talba u għalhekk ser jitniżżel bħala assenti b’ apoloġija għal din il-laqgħa.

**71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

71.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

71.2.1.i F’ dal-punt, jiġifieri fil-5:31pm, daħal id-Deputat Sindku, Eman Vella.

**71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.3.1 Is-sindku informa li kellu laqgħa mal-ERA dwar il-ġebel li kien jaqa’ fil-Ġnejna. Saru numru ta’ tebelli biex jinfurmaw lill-pubbliku bil-periklu u saret proposta biex ikun hemm ġebel kbir li jservi biex jilqa’ il-ġebel li jista’ jaqa.

71.3.2 Dwar il-Ġnejna, is-Sindku informa li il-ġbir tal-iskart mill-kuntrattur tal-Kunsill beda’ mill-1 ta’ Ġunju. Is-Sindku qal ukoll li bejn il-15 ta’

Lulju u d-9 ta' Settembru, il-lattrini tal-Ġnejna ser ikollhom persuna bħala 'attendant' magħhom, imħallas mill-Kunsill, biex jinżammu aktar nodfa.

71.3.3 Is-Sindku informa dwar laqgħa li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu mad-Direttur tas-Saħħa Ambjentali. Din il-laqgħa iffukat l-aktar dwar il-bżonnijiet ta' interventi ta' restawr u manutenzjoni fiċ-Ċimiterju tar-raħal, kif ukoll fuq proposti ta' immanniġġjar tiegħu.

71.3.4 Is-Sindku semma li kellu laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-'bus-shelter' ta' Triq Fisher, li ser jiċċaqlaq ftit min fejn hu peress li dan ix-shelter kien ser jiġi eżatt quddiem twieqi ta' residenzi.

71.3.5 Is-Sindku informa wkoll li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mas-Sur Michael Cohen ta' Transport Malta fuq il-proposti relatati ma' Triq il-Kbira. Ser terġa issir talba biex isir post ta' parkeġġ taħt is-siġar biex itaffi in-nuqqas ta' post ta' parkeġġ meta jsiru il-linji sofor proposti. Fl-istess ħin ukoll, is-Sindku informa li kienet saret talba sabiex issir laqgħa ma' Infrastructure Malta dwar diversi xogħlijiet f' toroq fl-Imġarr, fosthom :

- Triq Konkors Teatrali ma Triq San Pietru;
- Triq Ġorġ Zammit
- Triq Ġorġ Zammit lejn il-Ġnejna
- Triq il-Majjistral
- Triq David Trump ma' Triq l-Imqades.

71.3.6 Is-Sindku informa wkoll li wara talba lill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, il-Kunsill ġie imwiegħed fondi sabiex jagħmel ċattra ġdida għall-Ġnejna. Ix-xogħol fuqha ġa beda u ser tkun varata fil-ġimgħat li ġejjin.

## 71.4 Korrispondenza

71.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

71.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand l-għaqda ACT dwar tindif minn Fomm ir-Riħ u l-Ġnejna fl-24 ta' Ġunju. Il-Kunsill ser ikun qed joffri boroż biex jinġabar l-iskart, skips, u għajnuniet oħra.

**71.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

71.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**71.6 Rapporti**

71.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**71.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

71.7.1 Ma kienx hemm temi oħra diskussi waqt din il-laqgħa.

**71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

71.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 6 li kienet tammonta għall-Ewro 63,570.09. L-iskeda ġiet approvata unanimament.

**71.9 Mozzjonijiet**

71.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**71.10 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin**

71.10.1 Il-Kunsill iddiskuta attivitajiet li għandhom jittellgħu fil-ġimgħat li ġejjin.

71.10.2 Fis-7 ta' Lulju għandha tittella' wirju u tħaddim ta' inġenji agrikoli antiki fis-Santi. Id-Deputat Sindku Eman Vella ser ikun qiegħed jikkoordina din l-attivita'.

71.10.3 L-attivita' annwali Lejla Mġarrija ser issir nhar is-Sibt, 5 ta' Awwissu.

71.10.4 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-permessi tal-gabani tal-ikel għal waqt il-festa ta' Santa Marija, peress li hemm il-ħsieb li n-nar ma jinħaraqx minn fuq iz-zuntier bħas-snin l-oħra.

**71.11 Għażla u approvazzjoni tal-kumitati ta' evalwazzjoni għas-sejħiet tal-offerti**

71.11.1 Il-Kunsill iddiskuta l-evalwazzjoni tat-3 sejħiet għall-offerti l iser jagħlqu fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel unanimament li l-bordijiet tal-evalwazzjoni ikunu komposti kif ġej :

- Ftuħ tas-Sejħiet fuq l-EPPS : Dorianne Farrugia u Natasha Cassar
- Segretarju tal-Bord : Cyprian Dalli
- Chairman tal-Bord : Paul Vella
- Evalwaturi : Eman Vella, Mario Sammut u Clayton Gauci

**71.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

71.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:49pm.

70.12.2 Il-Laqgħa numru 72 tal-Kunsill issejħet għal-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***